# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 92/2013**

Il-Pulizija

vs

**Joan Mizzi**

bint John, imwieleda Tarxien fit-28 ta’ Marzu, 1981, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 267858(M)

u

**Jonathan Mizzi**

iben Alfred, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Mejju, 1981, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 268981(M)

Illum, 9 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Joan Mizzi u kontra l-appellant Jonathan Mizzzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-kwalita' taghkom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'JAJ Company Limited' (C 22257), b'indirizz registrat 60, Triq il-Hut, Marsascala, Malta u/jew bhala l-persuni li kontu nkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex thallsu l-pagi dovuti, inqastu li thallsu l-pagi dovuti ghall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Mejju, 2011 u 1-20 ta' Gunju, 2011, ammontanti ghal €843.19, inqastu li thallsu l-bonus statutorju dovut ghall-perjodu ta' bejn 1-01 ta' Jannar, 2011 u 1-20 ta' Gunju, 2011, ammontanti ghal €126.54, inqastu li thallsu l-weekly allowance dovut ghall-perjodu ta' bejn l-01 ta' April, 2011 u 1-20 ta' Gunju, 2011, ammontanti ghal €53.12, inqastu li thallsu parti min-notice dovut ghall-perjodu bejn il-21 ta' Gunju, 2011 u s-26 ta' Awwissu, 2011, ammontanti ghal €983.72, inqastu li thallsu l-overtime dovut ghall-perjodu bejn it-23 ta' Mejju, 2011 u d-19 ta' Gunju, 2011, ammontanti ghal €135.54, inqastu li thallsu l-vacation leave dovut ghall-perjodu bejn l-01 ta' Jannar, 2011 u l-20 ta' Gunju, 2011 ammontanti ghal €287.90, li b'kollox jammontaw ghal elfejn, erbgha mija u tletin Ewro u centezmu (€2,430.01), u li kienu dovuti lill-ex impjegat taghkom, u cioe' lil Jesmond Zammit, fl-20 ta' Gunju, 2011, meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skont il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal- Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 ta' l-2007, sabiex ihallsu lil Jesmond Zammit l-ammont ta' elfejn, erbgha mija u tletin Ewro u centezmu (€2,430.01), ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 36, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 ta’ l-2003, hekk kif emendat mill-Avviz Legali 427 ta' l-2007, sabet lill-imputati hatja

u tat zmien ta’ sena (1) ghal hlas dovut lil Jesmond Zammit ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanta Joan Mizzi u l-appellant Joanthan Mizzi tat-22 ta’ Frar, 2013 fejn talbu li din il-Qorti jogħoġobha filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, ssib lill-appellanti mhux hatja tal-akkuza dedotta kontra taghhom u tilliberahom minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanta Joan Mizzi u l-appellant Jonathan Mizzi u cioe':-

Fl-ewwel lok, is-sentenza li nghatat kontra l-esponenti Joan Mizzi u Jonathan Mizzi hija nulla ghar-ragunijiet sugwenti:

Is-sentenza tordna lill-imputati sabiex ihallsu lil Jesmond Zammit ammont mhux specifikat fis-sentenza u dan kontrarjament ghal dak rikjest espressament ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 28H ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami billi l-artikolu in dizamina japplika meta il-hati ikun jew seraq xi haga, jew ikun xjentement laqa' ghandu b'ricetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegh iehor kontra l-ligi u mhux provi f'dan ir-rigward. Fil-fatt il-Qorti naqset li tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikoli 45(1) u (2) li ntalbu mill-prosekuzzjoni u li jikkontemplaw il-hlas lilll-impjegat anke f’kaz li l-imputat ma jkunx ghamel qligh personali.

Jinghad ukoll li anke fl-applikazzjoni tal-artikolu 28H il-Qorti applikat terminu li ghalkemm mad-daqqa t'ghajn favorevoli ghall-imputat, fil-fatt mhux permess mill-ligi.

Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, ix-xjenza jew il-*mens rea* necessarja ghas-sejba ta' htija kienet nieqsa ghal kollox.

Kellu jkun evidenti mill-fatti prodotti li l-appellanti ma kienux jafu li l-impjegati kellhom hlasijiet lura ghaliex kif jirrizulta, qabel il-mewt tad-direttur Alfred Mizzi, l-esponenti Joan Mizzi ma kienitx involuta fin-negozju u ma kienet taf assolutament xejn dwar dawn l-affarijiet. Meta miet zewgha ma kellhiex alternattiva hlief li tipprova tiehu kontroll tal-kumpanija, haga li fi kwalunkwe kaz ma kienx possibbli minnhabba l-istat prekarju tan-negozju u l-ezistenza ta' hafna kredituri li gew ihabbtulha mal-bieb. Huwa car li n-nuqqas ta' hlas tal-impjegati kienet sitwazzjoni pre-ezistenti ghall-hatra tal-appellanti tad-direttrici. Huwa car ukoll li rinfaccjata minn dik is-sitwazzjoni l-appellanti ghamlet kull ma kien umanament possibbli jsir dak inhar. Fir-realta, il-hlas lill-impjegati kien impossibbli minhabba l-istat disastruz tal-finanzi tal-kumpanija li ma kienux jahtu ghalihom l-appellanti.

Fit-tielet lok li l-appellanti ezercitaw "id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat" u ghalhekk ukoll ma setghetx tinstab hatja.

Skont l-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti titqies li tkun hatja *"jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat"*.

Jirrizulta bl-aktar mod ampju li meta miet Alfred Mizzi, numru konsiderevoli ta' kredituri pprocedew immedjatament bil-hrug ta' mandati u atti ohrajn li kellhom l-effett li jibblokkaw l-assi kollha tal-kumpannija. Billi inoltre l-kumpanija gia kienet midjuna lejn il-bank, u billi l-assi kollha taghha kienu maqbuda kien impossibbli ghall-appellanti bhala direttrici tal-kumpanija li ssib flus biex thallas kollox lill-impjegati. Dan jinghad ghaliex jirrizulta li l-impjegati kienu dovuti somom akbar u l-appellanti, minkejja kollox, irnexxielhorn jirrangaw sabiex jithallsu parti u ghalhekk din il-kawza saret ghall-parti rimanenti.

Fir-raba' lok, li l-ewwel Onorabbli Qorti fl-analisi taghha naqset li taghti l-piz dovut lic-cirkostanzi fattwali tal-kaz fosthom il-fatt li l-appellanti ma kienux konxji tal-istat tan-negozju, u fil-kaz ta' l-appellanti Joan Mizzi, hija saret direttur biss wara l-mewt tar-ragel taghha meta kien "too late", kien hemm "run" tal-kredituri fuq il-kumpanija u li l-kumpanija ma kellhiex access

ghall-fondi.

Ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti. bir-rispett kollu zbaljat meta ma haditx in konsiderazzjoni dawn il-fatturi, liema fatturi kellhom jwasslu, fl-opinjoni umli ta' l-esponenti, necessarjament ghal decizjoni li ma kienx hemm htija tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata taz-zewg appellanti ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-uniku direttur tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, Alfred Mizzi, miet fis-26 ta' Mejju, 2011. Ftit wara l-appellant Joan Mizzi nhatret direttur ta' din is-socjeta' biex jipprova ssalva l-istess. Min-naha tieghu l-appellant l-iehor Jonathan Mizzi kien is-segretarju ta' din is-socjeta' mill-24 ta' Frar, 2010. Madanakollu jirrizulta mill-provi li hu kien semplici 'presta nome' ghaliex missieru kien jiggestixxi s-socjeta' wahdu u Jonathan Mizzi kien semplici mpjegat bhal l-ohrajn.

Illi Jesmond Zammit spicca mix-xoghol fl-20 ta' Gunju, 2011 u skont ic-citazzjoni kien dovut is-somma ta' €2,430.01. Hu kien talab lill-Guarantee Fund Board biex jinghata l-bilanc dovut billi s-socjeta' msemmija kienet qeda tigi likwidata. Mill-provi mressqa jirrizulta li skont dan il-Board wara li ghamel il-kalkoli tieghu hu kien dovut is-somma ta' €2,250.35. Jirrizulta wkoll li hu rcieva s-somma ta' €1,994.85 skont il-ligi u ghalhekk l-ammont dovut lilu llum hu ta' €255.50.

Illi l-appellant ezebew u ghamlu referenza ghal zewg appelli decizi minn din il-Qorti, diversament presjeduta, li jgibu d-data tal-20 ta' Gunju, 2014. Dawn l-appelli huma t-tnejn fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Joan Mizzi (appell numru 45/2013 u appell numru 46/2013). Dawn iz-zewg appelli jirrigwarda salarji u beneficcji dovuti lill-zewg impjegati mis-socjeta' hawn fuq imsemmija. F'dawn iz-zewg kazijiet li huma identici ghal dan, l-appellanta ma nstabitx hatja ghar-ragunijiet hemm misjuba. Din il-Qorti taqbel perfettament mas-sentenzi hawn fuq imsemmija u ma ghandha xejn x'izzid.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Joan Mizzi u ta' Jonathan Mizzi. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellanti minn kull htija u piena.